# X’INHI L-KNISJA TA’ KRISTU? U X’TEMMEN?

Minn George Ebejer

- X’inhi t-talba distinta tal-knisja ta’ Kristu?
- Kemm hemm knejjes ta’ Kristu?
- Kif huma l-knejjes ta’ Kristu magħqudin organizzazzjonalment?
- Kif huma l-knejjes ta’ Kristu immexxija?
- X’temmen il-knisja ta’ Kristu dwar il-Bibbja?
- Jemmnu l-membri tal-knisja ta’ Kristu fit-twelid verġni ta’ Ġesù?
- Temmen il-knisja ta’ Kristu fil-predestinazzjoni?
- Għaliex il-knisja ta’ Kristu tgħammed biss bl-immersjoni?
- Hija l-magħmudija tat-trabi ipprattikata fil-knisja ta’ Kristu?
- Jisimgħu l-qrar il-ministri tal-knisja ta’ Kristu?
- Huwa t-talb indirizzat lill-qaddisin fil-knisja ta’ Kristu?
- Kemm spiss tittiekel l-ikla tal-Mulej?
- Xi kwalità ta’ mużika hija wżata fil-qima?
- Temmen il-knisja ta’ Kristu fil-ġenna u fl-infern?
- Temmen il-knisja ta’ Kristu fil-purgatorju?
- B’liema mezzi l-knisja ta’ Kristu tassigura l-għajnuna finanzjarja?
- Għandha l-knisja ta’ Kristu kredu?
- **Kif persuna ssir membru tal-knisja ta’ Kristu?**

## X’inhi t-Talba Distinta tal-Knisja Ta’ Kristu?

It-talba tal-knisja ta’ Kristu hija primarjament talba għall-għaqda reliġjuża fuq il-Bibbja. F’dinja reliġjuża maqsuma huwa emmnut li l-Bibbja hija l-unika denominatur komuni li fuqu l-biċċa l-kbira, jekk mhux ilkoll, tan-nies li jibżgħu minn Alla jistgħu jingħaqdu u jsiru ħaġa waħda. Din hija talba biex immorru lura għall-Bibbja. Hija talba biex nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta fil-ħwejjeġ kollha li għandhom x’jaqsmu għar-reliġjon. Din it-talba tenfasizza wkoll li f’kull ħaġa reliġjuża għandu jkun hemm “ħekk igħid il-Mulej” għal dak kollu li hu magħmul. L-oġġettiv huwa għaqda reliġjuża ta’ dawk kollha li jemmnu fi Kristu. Il-bażi huwa t-Testment il-Ġdid. Il-metodu huwa li jinġieb lura l-Kristjaneżmu oriġinali u safi tat-Testment il-Ġdid.

## Kemm Hemm Knejjes Ta' Kristu?

Il-knejjes ta' Kristu jinsabu mifruxa madwar id-dinja kollha. Meta ngħidu l-knejjes ta' Kristu aħna nkunu qegħdin nirriferixxu għall-kongregazzjonijiet u mhux għal denominazzjonijiet differen-ti. Knisja ta' Kristu hemm waħda biss (Efesin 6:4) imma meta ngħidu l-knejjes ta' Kristu aħna nkunu qegħdin nużaw is-sens kif l-appostlu Pawlu użah f'Rumani 16:16 meta qal, "il-knejjes kollha ta' Kristu jsellmulkom." L-appostlu hawn kien qiegħed jirriferi għall-kongregazzjonijiet imxerrda ma diversi pajjiżi.

Illum ħafna nies minn kull pajjiż qegħdin jagħrfu l-ħtieġa li jobdu dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa u jsiru membri fil-knisja ta' Kristu. Kull fejn nies jaċċettaw u jobdu l-kondizzjonijiet mogħtija mill-Mulej fil-Kelma Tiegħu, dawn jagħmlu parti mill-knisja ta' Kristu.

## Kif Huma l-Knejjes Ta' Kristu Magħqudin Organizzazzjonalment?

Jimxu fuq il-pjan ta' organizzazzjoni li jinsab fit-Testment il-Ġdid, il-knejjes ta' Kristu huma awtonomi. Il-fidi komuni tagħhom fil-Bibbja u ż-żamma tagħhom mat-tagħlim tagħha huma r-rabtiet prinċipali li jżommuhom flimkien. Ma hemm ebda kwartieri ġenerali tal-knisja u ma hemm ebda organizzazzjoni superjuri għal l-anzjani ta' kull kongregazzoni lokali. Il-kelma "anzjan" fil-Bibbja tirriferixxi għal isqof kif naqraw dwaru fl-1 Timotju 3:1-8 u f'Titu 1:5-7. Kongregazzjonijiet jikkoperaw volontarjament flimkien f'li jgħinu l-orfni u x-xjuħ, f'li jippridkaw l-Evanġelju f'postijiet ġodda, u f'xogħol ieħor bħal dan.

Membri tal-knisja ta' Kristu jaħdmu flimkien biex iwasslu l-messaġġ tal-Kelma ta' Alla madwar id-dinja kollha.

Ma hemm ebda konvenzjonijiet, laqgħat annwali, jew publikazzjonijiiet uffiċjali. "Ir-rabta li torbot" hija lealtà komuni għall-prinċipji tal-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid.

## Kif Huma l-Knejjes Ta' Kristu Immexxija?

F'kull kongregazzjoni, li eżistiet żmien biżżejjed biex issir organizzata għal kollox, hemm pluralità ta' isqfijiet jew presbiteri jew anzjani (dawn kollha jirriferixxu għal l-istess kariga), li jservu bħala l-ġisem li jiggverna. Dwar dawn naqraw hekk fl-ittra lill-Filippin:

> "*Pawlu u Timotju, qaddejja ta' Kristu Ġesù, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù, flimkien ma'* ***l-isqfijiet tagħhom*** *u d-djakni, li jinsabu fil-belt ta' Filippi*" (Filippin 1:1).

Ta' min jinnota li l-**isqfijiet kienu dawk li jmexxu l-knejjes lokali u mhux isqof għall-pajjiż kollu.** F'kull kongregazzjoni lokali kien hemm *pluralità* ta' isqfijiet u mhux isqof wieħed. Dawn l-irġiel huma magħżulin mill-kongregazzjoni lokali fuq il-bażi ta' kwalifikazzjonijiet murija fl-Iskrittura. Dwar dawn naqraw fl-Ewwel Timotju 3:1-7,

> "***Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha****: min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ. Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; li jkun iżżewweġ darba biss; li jkun meqjus, prudenti, serju; li jilqa' l-barranin, jaf igħallem; li ma jkunx mogħti għax-xorb; li ma jkunx vjolenti, imma ġwejjed; li ma jkunx ġellied, anqas rgħib għall-flus; li jkun raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu. Għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess, kif jista' jieħu ħsieb il-knisja ta' Alla? Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih innifsu u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan. Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin, li ma jaqax fil-għajb u jaqa' fix-xibka.*"

Ukoll f'Titu 1:5-9 naqraw dwar l-isqfijiet jew presbiteri hekk:

> "*Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, biex tqassam kollox bl-ordni, u biex taħtar* ***presbiteri f'kull belt****, skond ma ordnajtlek. Kull min ikun maħtur ma għandu jkollu xejn x'wieħed igħid fih; ikun iżżewweġ darba biss, u jkollu 'l uliedu jemmnu, bla ma ħadd jista' jixlihom bi mġiba żienja jew bla rażan. L-isqof, bħala amministratur ta' Alla, għandu jkun bniedem li ħadd ma jista' jgħid xejn fih: ma għandux ikun mimli bih innifsu, jinkorla malajr, mogħti għax-xorb, ġellied jew rgħib; imma jkun bniedem li jilqa' 'l barranin, iħobb it-tajjeb, meqjus, ġust, qaddis, irżin; bniedem li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha, skond id-duttrina, biex ikun jista' jqawwi qalb l-oħrajn bid-duttrina sħiħa u jegħleb lil min imieri.*"

Fil-knisja ta' Kristu, l-isqof għandu jkun raġel miżżewweġ. Hekk tgħid il-Kelma ta' Alla.

Hemm iservu taħt l-anzjani jew isqfijiet, id-djakni, li jintqal dwarhom hekk:

> "*Hekk ukoll id-djakni: għandhom ikunu nies serji, li ma jilagħbux bil-kliem, ma jkunux mogħtija żżejjed għal l-inbid, anqas għall-qligħ baxx tal-flus; għandhom iżommu sħiħ il-misteru tal-fidi b'kuxjenza safja. Dawn ukoll għandhom l-ewwel igħaddu mill-prova; imbagħad, jekk wieħed ma jsib xejn x'igħid fihom, ikunu jistgħu jaqdu bħala djakni. Hekk ukoll in-nisa tagħhom għandhom ikunu serji, ma jqassux fuq l-oħrajn, ikunu meqjusa fl-imġiba tagħhom u ta' min jafdahom f'kollox*" (1 Timotju 3:8-11).

Hemm ukoll l-għalliema, u l-evanġelisti jew ministri (Efesin 4:11). Dawn m'għandhomx l-awtorità indaqs għal jew superjuri għal l-anzjani. L-anzjani huma rgħajja jew indokraturi li jservu taħt is-setgħa tar-Ras waħdanija ta' Kristu skond it-Testment il-Ġdid, li hija xorta ta' kostituzzjoni. Ma hemm ebda awtorità dinjija superjuri għal l-anzjani tal-knisja lokali.

L-unika Ras tal-Knisja huwa Kristu. Il-Bibbja tgħid hekk:

> "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh,* ***u għamlu Ras fuq il-knisja kollha****, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22).

Ukoll naqraw f'Kolossin 1:18,

> "*Hu r-Ras tal-ġisem, li hu l-knisja...*"

Kristu waħdu Hu r-Ras tal-knisja. Ebda bniedem ma jista' jokkuppa dik il-pożizzjoni bħala ras jew kap tal-knisja!

Jekk inti qiegħed f'xi knisja li ma taqbilx ma dan li għandna kif qrajna mill-Kelma ta' Alla, allura bl-akbar rispett lejn dik il-knisja, dik mhix il-knisja li naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid.

## X’Temmen il-Knisja Ta’ Kristu Dwar il-Bibbja?

Il-kitba oriġinali tas-sitta-u sittin ktieb li jagħmlu l-Bibbja huma ikkunsidrati li kienu ispirati divinament, li b’dan huwa mfisser li huma infallibbli u awtorevoli. Riferenza għal l-Iskrittura hija magħmula biex tissetilja kull mistoqsija jew kustjoni reliġjuża. Pronunzja mill-Iskrittura hija ikkonsidrata bħala l-kelma finali. Il-ktieb bażiku ta’ tagħlim tal-knisja u l-bażi għall-predikazzjoni kollha huwa l-Bibbja (1 Korintin 4:6).

## Jemmnu l-Membri tal-Knisja Ta' Kristu fit-Twelid Verġni Ta' Ġesù?

Iva. L-istqarrija f'Isaija 7:14 hija meħuda bħala profezija tat-twelid verġni ta' Kristu. Siltiet tat-Testment il-Ġdid bħal Mattew 1:20, 25, huma aċċettati skond l-apparenza bħala dikjarazzjonijiet tat-twelid verġni. Kristu huwa aċċettat bħala l-Iben il-waħdieni ta' Alla, jinagħqad fil-persuna Tiegħu fid-divinità perfetta u fl-umanità perfetta.

## Temmen il-Knisja Ta' Kristu fil-Predestinazzjoni?

Il-Knisja ta' Kristu temmen biss fil-predestinazzjoni f'dak li Alla jippredestina lit-tajbin li jkunu salvi għal dejjem u l-ħżiena li jkunu mitlufa għal dejjem. L-istqarrija ta' Pietru,

> "*Issa tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun*" (Atti 10:34-35)

hija meħuda bħala xhieda li Alla ma ippredestinax individwi biex ikunu salvati jew mitlufa għal dejjem, imma li kull persuna tiddetermina d-destin tagħha stess.

## Għaliex il-Knisja Ta' Kristu Tgħammed bl-Immersjoni?

Il-kelma tgħammed ġejja mil-kelma Griega "baptizo" u letteralment tfisser "li tgħaddas, immersjoni, li tniżżel taħt l-ilma." B'żieda għat-tifsira letterali tal-kelma, l-immersjoni hija ipprattikata għaliex din kienet il-prattika tal-knisja fiż-żminijiet ta' l-appostli. Ukoll, l-immersjoni biss taqbel mad-deskrizzjoni tal-magħmudija kif mogħtija mill-appostlu Pawlu f'Rumani 6:3-5 fejn hu jitkellem dwarha bħala difna u qawmien. Hawn naqraw:

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbaħ lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt*" (ara wkoll Kolossin 2:12).

L-immersjoni biss taqbel ma' dan il-kliem. Fl'immersjoni biss jista' jkun hemm difna u qawmien. Fl-immersjoni biss jista' jkun hemm mewt tixbaħ lil ta' Kristu u qawmien ma' Kristu mill-mewt!

Eżempju mogħti lilna fil-Kelma ta' Alla nsibuh f'Atti 8:35-39 fejn naqraw dwar ir-raġel mill-Etjopja,

> "*Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura jxandarlu l-bxara t-tajba ta' Ġesù. Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?" Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru,* ***niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma****, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan*" (enfasi tiegħi).

## Hija l-Magħmudija tat-Trabi Ipprattikata fil-Knisja Ta' Kristu?

Le. Il-knisja ta' Kristu tobdi lill-Mulej tagħha biss dwar **min** għandu jitgħammed. Il-Mulej qal bi kliem li ma jistax ikun aktar ċar **min** għandu jitgħammed. Isma' lill-Mulej x'għandu xi jgħid dwar dan:

> "***Min jemmen u jitgħammed,*** *isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16. Enfasi tiegħi).

Tista' tarbija "temmen"? Erġa' isma' l-Kelma ta' Alla tgħidilna **min** kienu dawk li tgħammdu:

> "*Meta mbagħad emmnu l-bxara t-tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu,* ***tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa***" (Atti 8:12. Enfasi tiegħi).

Fit-Testment il-Ġdid dawk biss li laħqu l-età li jkunu "responsabbli għal għemilhom" huma aċċettati għall-magħmudija. Huwa muri li l-eżempji **kollha** mogħtija fit-Testment il-Ġdid huma **dejjem** ta' dawk li kienu semgħu l-Evanġelju jkun ippriedkat u emmnuh. Il-fidi għandha dejjem tiġi **qabel** il-magħmudija, għalhekk dawk biss li huma kbar biżżejjed biex jifhmu u jemmnu l-Evanġelju huma ikkunsidrati bħala suġġetti tajba għall-magħmudija. Dan qalu Ġesù Kristu (ara Mattew 28:18-20; Mark 16:15-16).

## Jisimgħu l-Qrar il-Ministri tal-Knisja Ta' Kristu?

Le. Il-ministri jew l-evanġelisti fil-knisja ta' Kristu m'għandhom ebda prerogattivi speċjali. Huma ma jġibux it-titlu ta' **Reverendu**, jew '**Father**,' imma huma ndirizzati biss bħala aħwa l-istess bħall-membri l-oħra kollha tal-knisja. Titli reliġjużi bħal **Reverendu** u '**Father**' huma kkundannati minn Alla. Il-Mulej ordnalna,

> "*U ssejħu lil ħadd **missierkom** (father f'sens spiritwali) fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom **wieħed hu**, dak li hu fis-smewwiet*" (Mattew 23:9. Enfasi tiegħi).

It-titlu **Missier Qaddis** (Holy Father) huwa mogħti biss lill-Missier li qiegħed fis-smewwiet u mhux lil xi raġel li qiegħed fuq din l-art. Isma' lill-Mulej lil min indirizza b'dan it-titlu:

> "*U jien ma għadnix aktar fid-dinja, iżda huma għadhom fid-dinja, u jiena ġej għandek. **Missier qaddis** (Holy Father), ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna" (Ġwanni 17:11. Enfasi tiegħi).*

Aħna bħala membri tal-knisja ta' Kristu nobdu bla ebda tlaqliq dak li l-Mulej ordnalna biex nagħmlu jew biex ma nagħmlux! **Reverendu** u **Missier Qaddis** huwa Alla waħdu (Salm 111:9) u l-ebda bniedem ma jista' japplika dan it-titlu għalih innifsu mingħajr ma jkun qiegħed jikser l-ewwel kmandament u jkun qiegħed iġib fix-xejn il-kliem tal-Mulej. Flimkien ma' l-anzjani jew l-isqfijiet u oħrajn il-membri tal-knisja ta' Kristu jgħinu u jagħtu pariri lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-għajnuna, imma li jaċċettaw titli reliġjużi li huma ta' Alla waħdu, dak ikun dnub kbir.

Dwar il-qrar kull ma wieħed għandu jagħmel hu li jgħid il-Missierna u jifhem sewwa dak li qiegħed jitlob lill-Missier jagħmel miegħu, jiġifieri, **li jaħfirlu dnubietu,**

> "***Aħfrilna dnubietna**, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina...*" (Mattew 6:9-15).

## Huwa t-Talb Indirizzat lill-Qaddisin fil-Knisja Ta' Kristu?

Le. Alla l-Missier huwa ikkunsidrat bħala l-uniku Wieħed li Lilu għandu jkun indirizzat it-talb kollu ta' uliedu. Eżempju ta' dan għadna kif rajnieh aktar qabel fejn meta d-dixxipli talbu lil Ġesù biex igħallimhom kif jitolbu, Ġesù ma qalilhomx biex jitolbu lill-qaddisin li kienu mietu imma għal kuntrarju qalilhom biex jitolbu hekk:

> "*U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn iħobbu joqogħdu jitolbu fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu. Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn minn għalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.* ***Tkunux bħalhom****, għax Missierkom jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom.* ***Mela itolbu hekk:***
>
> > "***Missierna****, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art. ħobżna ta' kuljum agħtina llum. Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina. U la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.*
>
> *Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom*" (Mattew 6:5-15).

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar u tond li hemm Medjatur **wieħed** biss, u dan ma hu ħadd ħlief Ġesù Kristu:

> "*Għax wieħed hu Alla, **u wieħed hu l-medjatur** bejn Alla u l-bniedem, **il-bniedem Kristu Ġesù***" (1 Timotju 2:5).

Ukoll naqraw f'Lhud 7:25,

> "*Għalhekk ukoll huwa jista' jsalva għal kollox 'il dawk **li bih** jersqu lejn Alla, ladarba **hu** jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom.*"

L-appostlu Pawlu jgħidilna, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox **f'isem il-Mulej Ġesù**, u roddu ħajr lil Alla l-Missier **permezz tiegħu***" *(Kolossin 3:17).*

L-appostlu Pietru wkoll jagħmel dan il-punt ċar meta qal:

> "*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, **għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin** li bih aħna għandna nkunu salvi*" (Atti 4:12. Enfasi tiegħi).

L-appostlu Pawlu jgħidilna f'Efesin 5:20:

> "*Roddu **dejjem** ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, **f'isem Sidna Ġesù Kristu.***"

Ma jibqa' ebda lok għal xi isem ieħor ta' xi qaddis jew qaddisa magħmulin mill-bnedmin li aħna għandna nirrikorru għalihom permezz tat-talb! L-appostlu Pietru, flimkien ma' l-appostli l-oħra jgħidulna li:

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Dak li jagħmlu l-membri tal-knisja ta' Kristu,

> "*jobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin.*"

## Kemm Spiss Tittikel l-Ikla tal-Mulej?

Huwa mistenni li kull membru tal-knisja ta' Kristu jinġabar għas-servizz ta' qima fuq *kull l-ewwel jum tal-ġimgħa*, il-Ħadd. Dan huwa msejjaħ minn Ġwanni bħala jum il-Mulej (Rivelazzjoni 1:10). Parti ċentrali minn dan is-servizz ta' qima hija l-ikel ta' l-ikla tal-Mulej. Luqa jgħidilna f'Atti 2:42,

> "*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.*"

F'Atti 20:7, Luqa jkompli jgħidilna meta dan il-qsim tal-ħobż kien isir:

> "*Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż,...*"

"Il-qsim tal-ħobż" f'dawn ż-żewġ siltiet ċertament li mhuwiex ikel komuni għaliex huwa parti mit-tagħlim ta' l-appostli kif inhu t-talb u l-għaqda ta' bejniethom.

Sakemm ma jkunx imfixkel providenzjalment, kull membru tal-knisja ta' Kristu għandu jikkonsidra dan l-appuntament ta' kull ġimgħa, jiġifieri, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, bħala li jorbot. F'ħafna każi, bħal fil-każ ta' mard, jew xogħol li ma jistax ma jsirx, eżempju, sptarijiet, pulizija, eċċ., wieħed ikun skużat.

## Xi Kwalità Ta' Mużika Hija Wżata fil-Qima?

Bħala riżultat tat-talba distinta tal-knisja—immoru lura għall-Fidi u prattika tat-Testment il-Ġdid—kant vokali huwa l-unika mużika wżata fil-qima. Dan il-kant, mhux akkumpanjat bi strumenti mekkaniċi tal-mużika, jaqbel għall-mużika wżata fil-knisja appostolika għal bosta sekli wara. Naqraw f'Efesin 5:19,

> "*Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej.*"

Ukoll naqraw f'Kolossin 3:16,

> "*Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd-il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla.*"

L-appostlu Pawlu qal hekk fl 1 Korintin 14:15, dwar dan:

> "*X'nagħmel mela? Nitlob bl-ispirtu; imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta s-salmi bl-ispirtu, imma nkanta b'moħħi wkoll.*"

Hemm kundanna mħabbra fuq dawk li jużaw strumenti mekkaniċi fil-qima, wkoll fit-Testment il-Qadim, fejn naqraw:

> "*Jaħasra għal dawk ... li jgħannu mad-daqq ta' l-arpa, u jfasslu bħal David strumenti tad-daqq*" (Għamos 6:1-5).

Ukoll naqraw f'Lhud 13:15,

> "*B'Ġesù, mela, ejjew noffru f'kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri, il-frott ta' xofftejna li jistqarr ismu.*"

Ma hemm ebda awtorità fit-Testment il-Ġdid biex tuża strumenti mekkaniċi tal-mużika fil-qima. Dan il-prinċipju jelimina l-użu ta' mużika strumentali, flimkien ma l-użu ta' xemgħat, inċens, u elementi oħra bħal dawn.

**Temmen il-Knisja Ta' Kristu fil-Ġenna u fl-Infern?**

Iva. L-istqarrijiet ta' Kristu f'Mattew 25, u f'postijiet oħra, huma ċari biżżejjed. Huwa emmnut li wara l-mewt kull persuna għandha tiġi quddiem Alla fil-ġudizzju u li hija tkun iġġudikata skond l-opri magħmula minnha meta kienet għadha ħajja. Naqraw f'Lhud 9:27,

> "*U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju.*"

L-appostlu Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel* ***meta kien għadu ħaj fil-ġisem***."

L-appostlu Ġwanni jgħid, fi Ġwanni 5:28-29,

> "*Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna.*"

F'Mattew 25:46 naqraw dwar kif Ġesù jifred il-ġnus kollha minn xulxin, fejn qal hekk,

> "*U dawn (il-ħżiena) imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.*"

F'Mattew 13:14 naqraw fejn Ġesù tkellem dwar iż-żmien meta l-anġli Tiegħu jiġbru l-ħżiena u,

> "*jitfagħhom fil-forn tan-nar: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien.*"

F'konklużjoni tal-Beatitudni, Ġesù qal hekk,

> "*Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.*" (Mattew 5:12).

Wieħed għandu jaqra wkoll Mattew 22:13; 25:30, 41; Mark 9:48; Rivelazzjoni 14:11; 20:10, 15; 22:15; eċċ.

## Temmen il-Knisja Ta' Kristu fil-Purgatorju?

Le. L-assenza ta' xi riferenza fl-Iskrittura għall-post temporanju ta' kastig li minnu r-ruħ eventwalment tkun meħlusa u meħuda fis-Smewwiet (il-Ġenna) ineħħi l-aċċettar tad-dottrina tal-purgatorju.

Għall-kuntrarju, Ġesù għallem li post bħal dan ma jistax ikun li jeżisti. Fil-parabbola tal-għani u Lażżru, Ġesù wera ċar li ma jeżisti ebda post barra mill-infern u l-Ġenna. Aqra l-parabbola kollha, jiġifieri Lhuqa 16:19-31 u wara ara versi 22-26, fejn Ġesù qal hekk:

> "*Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll il-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet, refa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lażżru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier, Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar. 'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lażżru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati.* ***Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.***"

Ċertament li skopnd Ġesù wara l-mewt l-uniku post fejn hemm in-nar huwa l-infern. Il-ħżiena biss imorru f'dan il-post. Lażżru ma kienx qiegħed jinħaraq fil-purgatorju biex ipatti jew jissaffa minn dnubietu imma kien qiegħed jitfarraġ. Dan qalu l-Mulej! Ġesù kompla juri kemm ma jistax ikun hemm post ieħor, l-hekk imsejjaħ purgatorju meta qal li:

> "*Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna*" (vers 26).

Ukoll naqraw fl-Itra lil-Lhud,

> "*Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom, u fi dnubiethom **ma niftakarx iżjed***" (Lhud 8: 12; 10:12)

Ċertament li kliem bħal dan mhuwiex se jinbidel wara l-mewt u jsir "*fi dnubietkom **ftakart** u morru fil-purgatorju ħalli tpattu għalihom u tissaffew minnhom*!" Dan il-kliem qalu Alla li Jista' Kollox u mhux il-bnedmin!

Il-wegħda tal-Mulej tagħna hija:

> "*Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir **fis-smewwiet***" (Mattew 5:5)

u mhux fil-purgatorju!

## l-Għajnuna Finanzjarja?

Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, il-membri tal-knisja ta' Kristu jobdu l-ordni li jagħtihom il-Mulej permezz ta' l-appostlu Pawlu fejn naqraw:

> "*Kull wieħed minnkom, **kull l-ewwel tal-ġimgħa**, iwarrab xi ħaġa u jfaddalha skond ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi*"
> (1 Korintin 16:2).

L-ammont ta' kull għotja individwali huwa ġeneralment magħruf biss minn dak li tah u mill-Mulej. Din l-għotja libera hija l-unika sejħa li l-knisja tagħmel għall-ġbir ta' flus. EBDA stima ma ssir dwar kemm għandu jagħti l-individwu. Ebda ġbir, lotteriji, ikliet jew bejgħ ta' oġġetti għal ġbir ta' flus ma jistgħu jsiru ħlief il-ġabra fl-ewwel jum tal-ġimgħa li hija parti mis-servizz ta' qima lill-Mulej. Il-flus li jinġabru fl-ewwel jum tal-ġimgħa għandhom jintużaw għat-tixrid ta' l-Evanġelju.

## Għandha l-Knisja Ta' Kristu Kredu?

Le. Ma hemmx ‘kredu’ fis-sens li jintuża tal-kelma. It-twemmin tal-knisja huwa muri għal kollox u kompletament fil-Bibbja. Ma hemm ebda ktieb ieħor jew dixxiplina li għalihom il-membri tal-knisja ta’ Kristu jagħtu l-lealtà tagħhom. Il-Bibbja hija kkunsidrata bħala l-unika gwida infallibbli għas-smewwiet (2 Timotju 3:16-17).

Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu jgħid hekk:

> “*Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u* ***tagħarfu l-verità, u l-verità teħliskom***” (Ġwanni 8:30-31).

Fit-talba Tiegħu lill-Missier, Ġesù talab hekk:

> “*Ikkonsagrahom* ***permezz tal-verità, il-kelma tiegħek hi l-verità***” (Ġwanni 17:17. ara wkoll 1 Ġwanni 1:5-8; 2:21; 3:18).

L-appostlu Pietru jgħid hekk dwar il-verità, li hija l-Kelma ta’ Alla, il-Bibbja Mqaddsa:

> “I*ntom naddaftu rwieħkom billi qgħadtu* ***għal kelma tal-verità****...*” (1 Pietru 1:22).

Ġakbu wkoll jitkellem dwar din il-verità, fejn igħid:

> “*Għax ried hu, wellidna* ***bil-kelma tal-verità,*** *biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu.*”

Naqraw ukoll fl-1 Timotju 4:1-3,

> “*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b’radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi* ***u waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità****.*”

L-appostlu Pawlu jgħid dwaru nnifsu:

> "*Hu għal dan li jien kont magħmul xandar u appostlu—qiegħed ngħid is-sewwa, miniex nigdeb—**biex ngħallem lill-ġnus il-fidi u l-verità***" (1 Timotju 2:7).

Naqraw f'Rumani 1:16-17, fejn l-appostlu Pawlu jitkellem dwar il-verità, l-Evanġelju,

> "*Jiena ma nistħix mill-evanġelju: għax l-Evanġelju hu **qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu**, l-ewwel il-Lhud, u mbagħad il-Griegi, **u fih tidher il-ġustizzja ta' Alla** minn fidi għal fidi, skond ma hemm miktub: 'Il-ġust jgħix bil-fidi.*"

U jkompli jgħid, f'Rumani 2:16,

> "*Dan għad jidher dak in-nhar li fih Alla jagħmel ħaqq mill-egħmejjel moħbija tal-bnedmin —**skond l-evanġelju tiegħi**—permezz ta' Ġesù Kristu.*"

Il-Mulej tagħna jgħidilna hekk:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

L-appostlu Ġwanni jwissina:

> "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd **u ma jġġibilkomx dan it-tagħlim**, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħemejjel ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 8-9).

**Ara wkoll Rivelazzjoni 22:18-19.**

## Kif Persuna Ssir Membru tal-Knisja Ta' Kristu?

Fis-salvazzjoni tar-ruħ tal-bniedem hemm żewġ partijiet neċessarji: il-parti ta' Alla u l-parti tal-bniedem. Il-parti ta' Alla hija l-parti l-kbira. L-Iskrittura tgħidilna:

> "*Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar*" (Efesin 2:8-9).

L-imħabba li Alla ħass għall-bniedem wasslitu biex jibgħat lil Kristu fid-dinja biex jifdi lill-bniedem. Il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù, is-sagrifiċċju fuq is-salib, u x-xandir ta' l-Evanġelju lill-bnedmin kollha jikkostitwixxi l-parti ta' Alla fis-salvazzjoni. Għalkemm il-parti ta' Alla hija l-parti l-kbira, il-parti tal-bniedem hija wkoll neċessarja jekk il-bniedem irid li jilħaq is-smewwiet. Il-bniedem għandu jaqbel u joqgħod għall-kondizzjonijiet tal-maħfra li ħabbar il-Mulej. Il-parti tal-bniedem tista' tkun murija ċar fil-passi li ġejjin:

- **Tisma' l-Evanġelju.** "*Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?*" (Rumani 10:14).

- **Temmen.** "*Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu li jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh*" (Lhud 11:6).

- **Tindem mid-dnubiet tiegħek tal-passat.** "*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu*" (Atti 17:30).

- **Tistqarr lil Ġesù bħala l-Mulej.** "*Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: 'Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?' Filippu qallu: "Jekk int temmen b'qalbek, tista'." L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla*" (Atti 8:36-37).

- **Tkun mgħammed (bl-immersjoni) għall-maħfra tad-dnubiet.** "*...L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna? U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:37-38).
- **Tgħix il-ħajja Kristjana.** "*Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom middlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb*" (1 Pietru 2:9).

**Stedina Miftuħa**

Issa, li inti taf bi knisja f'dan is-seklu li qegħdin fih, li hija mibnija skond id-deskrizzjoni oriġinali li nsibu fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, għaliex ma ssirx membru tagħha? F'li ssir membru tagħha, inti ma tkun imġiegħel tagħmel xejn li inti ma tkunx tista' taqra dwaru fit-Testment il-Ġdid. Imbagħad inti tgħix u tqim sewwasew kif il-Kristjani ggwidati mill-appostli għamlu fl-ewwel seklu.

Mhux biss dan ir-ritorn għall-Kristjaneżmu tat-Test-ment il-Ġdid huwa l-bażi ta' l-għaġeb li fuqha dawk kollha li jemmnu fi Kristu jistgħu jingħaqdu, imma huwa assolutament art soda. Jekk aħna nagħmlu sewwasew dak li l-Mulej tagħna ikkmanda aħna nkunu nafu lis-salvazzjoni tagħna hija ċerta. Ejja magħna hekk kif aħna mmorru lura għall-Bibbja, lura għal Kristu u l-knisja Tiegħu!